Lorna Vassallo

L-ORIZZONT

Data tal-Pubblikazzjoni : 23 ta' Lulju, 2004

**Qorti gdida u qghad gdid**

Snin ilu, matul il-hajja universitarja tieghi, ghaddieli kummenti student li kien gej mic-Cecenja. Kulhadd jaf minn x'hiex ghadda u ghadu ghaddej dan il-pajjiz. Biss biss wiehed isemmi l-gwerra ta' Naggorno Karabah fil-passat u l-attakki terroristici Ceceni li ma qatghu qatt sa' llum.

Il-kumment ta' dan l-istudent Cecen kien li f'pajjizu m'hemmx Qorti Civili, izda Qorti Kriminali biss – ghax hemmhekk kulhadd jipprova jiehu l-ligi b'idejh.

Kumment bhal dan fih x'tifhem. Ghax f'pajjiz mifni b'hafna problemi, ic-cittadin jibda ma jirrikorrix, ghal mezzi civili biex isolvi l-problemi, imma jibda jsolvihom hu! Hafna drabi billi jikser il-ligi. Ghax proprju wahda mill-iskopijiet anke tal-ligi civili hija li tpoggi t-tielet persuna li tiddetermina x'inhuma d-drittijiet tac-cittadini li ghandhom kwistjoni bejniethom halli tipprevjeni glied bejn iz-zewg pesuni biex ma jwassal imkien. Izda minkejja dan ir-rwol importanti tal-Ligi – il-Qorti ftit hawn li jhobbu jersqu lejh u dawn il-ftit qeghdin jergghu jonqsu kuljum.

Kulhadd jaf kif l-ispejjez legali gholew. Ma nkux assolutament qed nesagera meta nghid li hafna drabi jaqbillek flok ma tiftah kawza tirranga barra l-Qorti. Il-problema tinholoq b'liema mezzi tirranga jekk hux bil-kelma t-tajba jew bit-theddid jew xi haga aghar.

**Klijenti affidabbli**
Donnhom li hafna klijenti saru jaraw lill-avukati u lill-prokuraturi legali iktar zejda minn qatt qabel. Sfortunatament jista' jkun ukoll li qeghdin jidhru iktar koroh ingustament – billi nofs il-kontijeit li jitolbu jkunu VAT u spejjez tal-Qorti – jigifieri jkunu sejrin ghall-Gvern! Wara f'dan il-kaz, bhal haddiehor, il-professjonist legali jkun qed jagixxi ta' kollettur tat-taxxa ghall-Gvern u jiffaccja l-wicc zorr tan-nies hu flok ma jidhru koroh il-ministri!

Izda zgur u mhux forsi, billi l-kawzi tant naqsu, l-unici kawzi li avukat sar jista' joqghod fuqhom ghad-dhul tieghu biex jghajjex il-familja huma – l-ewwelnett kawzi ta' separazzjoni bejn mizzewgin, it-tieni kawzi mal-Gvern bhal per ezempju tad-Dipartiment tal-VAT, u kawzi kriminali. Fil-kaz ta' dawn it-tlieta r-raguni hija ovvja! Ghax wiehed ikun jista' jsolvi l-problemi biss bil-Qorti u fil-kaz tal-kawzi tal-Gvern u mal-Gvern ghax specjalment meta l-Gvern jibda kawza, heqq, ikun bdiha ghax ghandu minn fejn. Minbarra hekk zgur li kien hemm zieda f'ammont ta' xoghol fejn ghandhom x'jaqsmu citazzjonijiet tal-pulizija u tal-gwardjani lokali! Klijenti bhal dan biss huma klijenti affidabbli ghall-professjonisti legali.

**Qgheda lebsin l-iswed**
Nemmen ukoll li l-Qorti b'differenza mis-sitwazzjoni fil-passat, saret gabra mhux hazin ta' nies kwalifikati li huma bla xoghol u ma jidhrux. Dan l-ahhar f'mistoqsija Parlamentari hareg car li hawn numru ta' professjonisti jirregistraw, fosthom nies legali, izda dak jaghti stampa verament fjakka tal-verita'. Is-swali tal-Qorti nemmen li saru huma wkoll mimlijin nies li ma jistghux jghidu li ghandhom xoghlhom vijabbli.

Bhala professjonista legali jien stess naf ezattament ir-responsabbilita' tax-xoghol legali u kemm irid hsieb. Ghalhekk jista' jkun li certi avukati ghandhom x'jaghmlu verament hafna, kif jipprovaw juru, izda fil-fatt m'humiex qeghdin jithallsu ta' li jaghmlu. U jista' jkun ukoll li jekk wiehed jghodd biss in-numru ta' sighat li avukat iqatta' l-Qorti u l-ufficcju flimkien ma' certi spejjez li jrid jaghmel biex jipprattika l-professjoni tieghu wiehed isib li ghandu xorti qed jithallas daqs haddiem normali.

**Klijenti bla flus**
Ovvjament, meta jmur hazin ic-cittadin imur hazin kulhadd. Il-professjonisti legali, bhal kulhadd, qeghdin jinzertaw nies li ma jistghux ihallsu, apparti l-fatt li hafna processi legali qeghdin jieqfu nofs triq minaba li l-klijent ma jkunx jiflah ihallas iktar. Certi kawzi jirrizultaw li l-klijent ma jkollux flus bizzejjed imgemmghin biex jibdihom jew inkella ma jkunx jaqbillu jaghmilhom ghax tigi z-zalza Olga mill-huta.

Il-Qorti waslet ukoll f'fazi li avukati stabbiliti jiehdu gurnata fil-gimgha 'off' f'nofs ta' xitwa u dan ma jfisser xejn hlief nuqqas ta' xoghol.

**Avukati kredituri**
Dan biex wiehed ma jsemmix kemm avukati jkollhom jiehdu ghaxar lirijat minghand klijenti differenti – li jien nghidilhom jkun li zgur m'intix se tiftah kawza ghalihom – izda li meta tpoggihom flimkien jtellghu krediti bil-mijiet u l-eluf. Biss biss, minhabba l-gholi fil-mezzi ta' komunikazzjoni, bhal cellulari u telefons, l-ispejjez ta' l-avukat gholew sostanzjalment. Imma l-klijent ftit li xejn jehodhom inkonsiderazzjoni fil-hlas tal-pariri.

Wiehed ghandu jirrealizza li hafna drabi jkun l-avukat li jispicca jbati minhabba l-ispejjez tal-Qorti ghax fil-fatt jispiccaw huma z-zejda meta tispicca l-kawza. Ghalhekk wiehed ma jkunx qieghed biss jiccajta meta jghid li l-avukat l-ewwel ikollu jaghmel kawza ghall-klijent imbaghad lill-klijent.

Smajt ukoll li anke minhabba l-kompetizzjoni harxa certi avukati jaghtu pariri billi jmorru fid-djar tan-nies. Ghalkemm dan ghandu jkun, xorta wahda juri li anke meta' tkun avukat ma tantx tista' tgholli rasek.

Is-sitwazzjoni finanzjarja ta' l-avukati gieli tigi expresa wkoll f'nuqqas ta' etika – bhal per ezempju meta jirrikorru ghal tai legali kontra xulxin.

**Qorti Kriminali**
Sfortunatament jidher car li aktar ma jmur il-problemi kemm socjali kif ukoll finanzjarji qeghdin jikbru fil-pajjiz. Din hija kawza diretta ta' aktar ksur tal-ligi kriminali fis-sens generali taghha.

Ic-cittadin jista jipprova jsolvi l-problemi tieghu b'modi illegali. Direttament billi jikkommetti serq jew frodi, izda aktar milli direttament indirettament.

Huwa fatt li bniedem bla xoghol u bi djun huwa l-hmar il-maghkus li jdur ghalih id-dubbien.

Il-burdata ingenerali tal-poplu tibda tinbidel biex nispiccaw f'sitwazzjoni fejn b'sempliciment karozza taghlaq lil ohra f'parking area taghti lok ghal argument shun li jista' jispicca fi glied fl-idejn. Persuni li ghandhom jigbru flus minghand haddiehor ukoll jispiccaw jhedduhom fizikament. Kuljum qieghda tonqos il-fiducja ta' bniedem f'iehor u hadd m'ghadu Jaffa lil hadd. Mentri qabel kulhadd kellu fiducja f'kulhadd u kulhadd seta' jbiegh bid-dejn u jrahhas ftit 'l hemm u ftit 'l hawn – issa kulhadd irid jithallas fi flus ghax kulhadd jibza' li haddiehor ma jistax ihallas.

U l-fatt li l-proceduri tal-Qorti saru daqshekk gholjin qeghdin ikomplu jkabbru l-ferita'. Ghax ic-cittadin li ghandu jiehu l-flus m'ghadx fadallu rikors ghall-Qorti bhalma kellu qabel.

Kollox ma kollox jirrizulta fi snowball effect fejn is-socjeta' ingenerali ma tafdax lil xulxin, titkellem bil-herra, tibza wiehed minn l-iehor, tipprova tpatti ghat-tbatijiet taghhom minn fuq dahar haddiehor u b'xi mod tispicca biex tesprimi r-rabja ma' xulxin.

Il-professjonisti legali wkoll huma l-akbar telliefa f'dan il-qasam. U sfortunatament dan l-ahhar, donnu bhala sinjal ukoll tal-qaghda kritika li tinsab fiha anke din il-professjoni, f'pajjizna, kellna l-ewwel qtil ta' avukat. Dan qajjem soghba kbira f'din il-professjoni legali.

Nahseb ghalhekk li jista' jkun li s-sitwazzjoni ghandha ghaliex tigi indirizzata mill-awtoritajiet. Specjalment halli f'pajjizna terga' tibda tahdem efficjentement il-Qorti Civili – dik li qieghda hemm – hekk primarjament sabiex in-nies jirrikorru ghaliha flor ghar-ragion fattasi jew ghal glied u theddid bhalma jigri fil-gungla.